MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1150/2009

**Edwin Zammit - ID numru 787960(M) - ghan-nom u in rappresentanza tal-minuri Kayleigh Zammit**

**vs**

**Dr Louis Degabriele bhala ezekutur testamentarju tal-eredita' tal-mejta Marie Claire Zammit Sare` u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2009 l-Avukat Dr Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonnici gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Koenraad Cuyle - ID numru 20500(A)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors debitament konfermat bil-gurament minn l-attur Edwin Zammit nomine fejn gie premess:-

1. Marie Claire Zammit Sare' (ID Nru. 353662(M)) mietet fit-3 ta' Marzu 2006 u dan kif muri fic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok "A."

2. Illi l-esponent hu l-kuratur tal-minuri Kayleigh Zammit, bint il-mejta Marie Claire Zammit Sare' (ara Dok B hawn anness).

3. Illi ai termini tat-testment tal-mejta Marie Claire Zammit Sare' mizmum fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami in data 10 ta' Ottubru 2005 (ara Dok C hawn anness) id-decujus halliet lil bintha Kayleigh Zammit bhala l-eredi universali taghha. Id-debita causa mortis saret fuq l-imsemmi testament (Dok D hawn anness).

4. Illi ai termini tal-istess testament Dr Louis Degabriele inhatar bhala ezekutur testamentarju li da parti tieghu assuma u accetta l-inkarigu tieghu.

5. Illi fl-istess testament Marie Claire Zammit Sare' halliet l-fond mmarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' "Perry Court", B'Kara Road, St. Julians lill-minuri Kayleigh Zammit pero' kif soggett ghal dritt ta' abitazzjoni limitat a favur il-konvenut Koenraad Cuyle bil-kundizzjoni illi dan id-dritt ta' abitazzjoni f'dan il-fond kellu jigi tterminat immedjatament u l-fond assenjat lill-minuri Kayleigh Zammit fil-kaz illi l-minuri tilhaq l-eta' ta' tmintax-il sena jew qabel jekk dan Koenraad Cuyle jippermetti jew ihalli terzi jghixu fl-imsemmi fond.

6. Illi l-espnenti ghandu prova ta' kif il-konvenut Koenraad Cuyle filwaqt illi huwa residenti barra minn Malta qabbad sensara u dahal f'kuntratt ta' kiri ma' terzi u l-istess konvenut Koenraad Cuyle qieghed jaghmel profitt mill-istess fond (ara wkoll Dok E hawn anness).

7. Illi tali agir tal-konvenut Koenraad Cuyle mhux biss jikser il-kundizzjoni imposta fit-testment sufferit izda jippregudika serjament id-dritt tal-eredi Kayleigh Zammit peress illi issa l-fond taghha hu gravvat b'kuntratt ta' kiri.

8. Illi l-ezekutur testamentarju konvenut gie nfurmat b'dan il-fatt izda sal-lum ghadu ma hax passi sabiex jittermina l-kirja u jassenja l-imsemmi fond lill-minuri eredi.

9. Illi inoltre fl-eredita' hemm ukoll il-garaxx sottopost ghall-fond mmarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians u vettura Fiat Punto numru ta' registrazzjoni 'KZS 094' u l-pussess taghhom ghadu ma giex assenjat lill-minuri eredi.

10. Illi fir-rigward tal-vettura dan id-dewmien huwa wkoll ta' pregudizzju ghall-eredi peress illi l-istess eredi hija f'impossibilita' illi tirregolha ruhha fuq il-licenzjar tal-imsemmija vettura u qeghda tehel fuq l-istess vettura multa fuq bazi gornaliera.

11. Illi l-ezekutur testamentarju gie debitament infurmat b'dawn il-fatti izda sa issa ma saret ebda assenjazzjoni ta' dawn l-oggetti mobbli u immobbli.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob, prevja kull dikjarazzjoni opportuna :-

1. Li jigi dikjarat u deciz li l-minuri Kayleigh Zammit hija l-eredi universali, u fil-massa ereditarja tal-mejta Marie-Claire Zammit Sare' hemm il-fond mmarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians, bil-garaxx sottopost l-istess fond u l-vettura Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni 'KZS 094.

2. Li jigi dikjarat u deciz li l-konvenut Koenraad Cuyle kiser kundizzjoni tat-testment tal-mejta Marie Claire Zammit Sare' u dan meta inkariga lil sensara u ppermetta lil terzi jokkupaw il-fond mmarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians.

3. Li jigi dikjarat u deciz illi d-dritt ta' abitazzjoni favur Koenraad Cuyle ghandha tkun terminata minnufih u kull inkwilant fl-imsemmi fond itterminat ukoll minnufih.

4. Li jigi dikjarat Tiddikjara u deciz illi l-fond immarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians, il-garaxx sottopost u l-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni 'KZS-094' ghandhom ikunu assenjati lill-minuri eredi Kayleigh Zammit b'effett immedjat.

5. Li jigi ordnat li l-fond immarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians, il-garaxx sottopost u l-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni 'KZS-094' ghandhom ikunu assenjati lill-minuri eredi Kayleigh Zammit b'effett immedjat.

6. Li jigi ordnat lill-ezekutur testamentarju konvenut li jiehu l-passi mehtiega sabiex din l-assenjazzjoni tkun ezegwita fl-iqsar zmien possibli, bil-pussess vakanti u ghal dan il-ghan tipprefiggi terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta debitament konfermata bil-giurament tal-konvenut Avukat Dr Louis de Gabriele fejn gie sottomess:-

1. L-esponenti ghadu ma giex konfermat bhala ezekutur testamentarju ta' Marie Claire Zammit Sare u ghaldaqstant gie mharrek f'din il-kawza f'kapacita li huwa ghadu ma giex ikkonfermat fiha.

2. In oltre, l-azzjonijiet li l-attur ippretenda li jiehu l-esponent ma jikkompetux lill-esekutur testamentarju li bhala tali m'ghandu ebda fakolta ohra hlief dawk necessarji ghall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji:

2.1. It-talba ta' l-attur nomine jittermina l-kirja msemmija fir-rikors guramentat hija oltre l-fakoltajiet tieghu u tali azzjoni semmai tispetta lill-eredi.

2.2. L-istess jinghad ghall-assenjazzjoni tal-garaxx numru 7 formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians, u vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni 'KZS 094'.

3. Finalment, l-esponenti m'ghandux ibati ebda spejjez ta' dawn il-proceduri, liema spejjez ghandhom ikunu a karigu ta' l-eredita u/jew ta' l-eredi.

4. Fir-rigward tal-fatti kif elenkati fir-rikors guramentat, l-esponenti jippremetti illi:

4.1. Huwa jaqbel mal-fatti fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat.

4.2. Huwa jaqbel mal-fatti fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat.

4.3. Huwa jaqbel mal-fatti fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat.

4.4. Fir-rigward tar-raba' paragrafu jinghad illi l-esponenti qatt ma gie kkonfermat fl-ezekuterija tieghu u skond id-digriet ta' din l-Onorabbli kif presjeduta tat-12 ta' Frar 2007 huwa gie mitlub l-ewwel jaghmel l-inventarju tal-mejta Marie Claire Zammit Sare qabel ma jigi kkonfermat fl-ezekuterija tieghu. L-esponent ghadu fil-process li jikkompila tali nventarju.

4.5. Il-fatti fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat jirrizulaw mit-testment ta' Marie Claire Zammit Sare'.

4.6. Fir-rigward tal-fatti tas-sitt paragrafu, l-esponenti jissottometti illi tali fatti gew mgharrfa lilu mill-avukat li jippatrocinja l-attur. In vista ta' dawn il-fatti, l-esponenti talab laqgha ma' Koenraad Cuyle u minn din il-laqgha irrizulta illi fil-mument l-istess Koenraad Cuyle kien qieghed jattendi xi korsijiet barra minn Malta u ma kienx qieghed ikun Malta permanentement. Fic-cirkostanzi kien interessa ruhu jikri l-fond in kwistjoni u dan ghaliex qatt ma kien ra t-testment u ma kienx konxju tad-dekadenza mill-beneficcju tal-legat. Fil-fatt huwa stqarr ma l-esponent

illi meta sar jaf b'din il-kundizzjoni, mill-ewwel nehha l-fond minghand l-agenti biex jikruh. Fil-fatt, huwa stqarr ukoll li fl-ebda mument il-fond ma kien gie mikri.

4.7. Fir-rigward tal-paragrafu numru sebgha, jinghad li tali determinazzjoni ta' ksur ta' kundizzjonijiet imposti fit-testment mhix fil-kompitu tal-ezekutur testamentarju illi ssir u li fi kwalunkwe kaz mhux car ghaliex, kieku l-agir ta' Konraad Cuyle jista' jkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-eredi.

4.8. L-istess jinghad fir-rigward tal-paragrafu numru tmienja u cioe illi t-terminazzjoni tal-kirja tmur oltre l-fakoltajiet ta' l-esekutur testamentarju. In oltre mhux car x'kien qed jintalab illi jaghmel l-esponenti fic-cirkostanzi fuq imsemmija u wkoll mehud kont il-fatt li llum il-minuri ghandha sittax-il sena u sa sentejn ohra kien ser ikollha f'idejha l-fond in kwistjoni skond it-testment. Ghal kull buon fini jinghad li – jekk hekk tordna din l-Onorabbli Qorti – huwa jezegwixxi u jaqdi dawk id-direzzjonijiet li jinghataw.

4.9. L-assenjazzjoni msemmija fil-paragrafu numru disgha wkoll tmur oltre l-poteri ta' l-esekutur testamentarju.

4.10. L-attur nomine jehtieg mhux biss li jipprova li tali multa qed tigi mposta fuq il-vettura izda wkoll kif il-minuri qed issofri xi pregudizzju fir-rigward tal-vettura meta din ghadha minorenni;

4.11. Fir-rigward tal-paragrafu numru hdax, jinghad, l-istess bhal qabel, illi l-esponent umilment jhoss li tali azzjonijiet imorru oltre l-fakoltajiet tieghu bhala ezekutur testamentarju. Ghal darb'ohra pero', u ghal kull bwon fini, jinghad li anke f'dan ir-rigward huwa dispost li jezegwixxi u jonora kull direzzjoni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti f'dan ir-rigward.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Kuraturi Deputati Dottor Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonnici fejn gie sottomess li huma mhux edotti mil-fatti u ghalhekk

rrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat l-affidavit tal-attur nomine Edwin Zammit

Rat l-affidavits tal-minuri Kayleigh Zammit, ta' John Sare' u ta' Bernardette Curmi kollha prodotti mill-attur nomine. .

Semghat lix-xhieda Joseph Sullivan u Brian Farrugia, imsejjhin mill-attur nomine.

Semghat lill-imsemmija Bernardette Curmi u Brian Farrugia ukoll imsejjhin mill-attur nomine.

Rat l-affidavit tal-konvenut Dottor Louis de Gabriele

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur nomine.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenzqa.

Ikkunsidrat:-

Jirrizulta li l-legat a favur tal-konvenut Koenraad Cuyle tad-dritt ta' abitazzjoni fl-appartament in kwestjoni cioe' l-appartament numru 7, block D, Perry Court, B'Kara Road, San Ġiljan hu trattat fit-tieni artikolu tat-testment tal-mejta Marie Claire Zammit Sare' fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami datat 10 ta' Ottubru 2005 (Dok.C). Bl-imsemmi testment d-decujus innominat lil bintha Kayleigh Zammit bhala l-eredi universali taghha.

L-imsemmi tieni artikolu jistipula testwlment li "t-testatriċi tħalli b'titolu ta' prelegat lil Koenraad Cuyle, bin il-mejjet Marcel Cuyle u Georgette Content, Karta tal-Identità 20500A a) id-dritt ta' abitazzjoni gratwitu fid-dar tal-abitazzjoni tat-testatriċi u ċioe fl-appartament immarkat internament bin-numru sebgħa formanti parti minn blokk bini San Ġiljan, Birkirkara Road, bla numru jismu Perry Court u konfinanti l-istess blokk mit-tramuntana ma' Birkirkara Road u minn irjieħ l-oħra ma' bejn tal-

Kumpanija Ajiree Company Limited jew aventi kawża tagħha u b) l-użu u l-użufrutt tal-effetti mobbli kollha eżistenti fl-istess dar mill-għadba l-ġewwa ċioe a limini intus esklużi pero’ minn dan il-prelegat huma l-oġġetti tad-deheb, ħaġar prezzjuż u flus kontanti. Jibqa’ ben intiż li dan id-dritt ta’ użu u abitazzjoni huwa wieħed personali u taħt l-ebda ċirkostanza ma jista’ jiġi eżerċitat minn terzi. B’dana pero l-istess dritt ta’ abitazzjoni jintilef u jispiċċa ipso iure hekk u malli tavverti waħda mis-segwenti ċioe:- i. l-istess Koenraad Cuyle jkollu relazzjoni ma’ terzi; ii) terza persuna tidħol tgħix fl-imsemmi appartament; iii) kemm il-darba t-tifla tat-testatriċi Kayleigh tkun trid tmur tgħix fl-istess appartament meta dina ssir maġġorenni.”

Fil-kawża odjerna, l-attur nomine qed jallega li l-konvenut Koenraad Cuyle kiser l-imsemmija kondizzjonijiet kif imposti mit-testatriċi billi huwa ippermetta illi terzi jokkupaw l-appartament in kwestjoni u meta huwa għamel, ma terzi, kuntratt ta’ kiri tal-istess appartament. L-attur Edwin Zammit ippresenta l-affidavit tieghu (fol.74) fejn huwa kkonferma li f’certa okkazzjoni huwa ċempel in-numru tal-appartament in kwestjoni u rrispondiet vuci ta’ raġel li pero’ ma kienx Koenraad Cuyle. Huwa daħal ukoll fil-website ta’ SQL Ltd (real estate agency) u ra l-appartament in kwistjoni irreklamat għall-kiri. Meta ikkuntattja lil SQL Ltd, id-duty manager ikkonfermalu illi l-appartament kien fil-fatt għall-kiri. Darba waħda, Edwin Zammit kien imsiefer u ċemplitlu oħtu minn Malta biex tgħidlu li rat xi ħwejjeġ minxurin fil-gallarija tal-appartament, u skond Edwin Zammit dawn ma setgħux kienu l-ħwejjeġ ta’ Koenraad Cuyle peress li dan kien imsiefer. Iżid illi darba oħra huwa mar fl-appartament mertu tal-kawża u kien hemm żewġ nisa jgħixu fl-appartament li qalulu li huma kienu krew l-appartament għal xahrejn mingħand Anna, li kienet l-għarusa tal-konvenut Koenraad Cuyle.

Ix-xhud John Sare’, li jigi missier id-decujus, xehed (fol.86) illi huwa kien mar fl-appartament mertu tal-kawża u kien hemm xi persuna li qaltlu li hija kienet inkwilina u li kienet kriet il-post mingħand l-aġenzija SQL Ltd. Ix-xhud Joseph Sullivan (fol.92), tal-imsemmija socjeta’ SQL Limited,

ikkonferma li l-konvenut Koenraad Cuyle kien mar għandhom sabiex jikrulu l-appartament mertu tal-kawża u xehed li fil-fatt l-appartament in kwistjoni kienu krewh darbtejn. Xehed illi dawn il-kirjiet kienu skadew u wara li skadew Koenraad Cuyle informa lill-kumpanija li huwa ma riedx jikri aktar l-appartament. Giet ukoll esibita ittra mibgħuta lill-avukat tal-attur nomine mill-aġenzija SQL, (esebita bħala dok E a fol.17) , fejn SQL Ltd qed tikkonferma illi kellha istruzzjonijiet minn Koenraad Cuyle li l-appartament mertu tal-kawża seta jinkera..

L-attur nomine, fir-rikors promotur, jaghmel ukoll referenza ghall-garage sottopost għall-imsemmi appartament u ghall-vettura Fiat Punto numru KZS 094, li tinsab fl-istess garage. Huwa jallega li kemm l-garage kif ukoll il-vettura li hemm fih għadhom ma ġewx assenjati lill-minuri bintu Kayleigh. Hu evidenti li t-talbiet fir-rigward tal-garage u tal-vettura huma diretti kontra l-ezekutur testamentarju u mhux kontra l-konvenut Cuyle.

In effett fid-disposizzjoni testamentarja in kwestjoni la jissemma l-garage u lanqas il-vettura. Lanqas ma jirrizulta li kemm il-garage kif ukoll il-vettura presentement huma fil-pussess tal-istess konvenut Cuyle. Jirrizulta ukoll sifficjentement li kemm il-garage kif ukoll il-vettura jiffurmaw parti mill-assi ereditarji tal-imsemmija decujus, tant li dawn gew inkluzi fid-dikjarazzjoni “causa mortis” relattiva ghad-decujus. Fir-rigward tal-vettura l-attur nomine jsostni li d-dewmien biex l-istess vettura tigi kkonsenjata lill-eredi minuri qed jikkaġuna danni lill-istess minuri għaliex hija ma tistax tirregola ruħha fir-rigward ta’ liċenzjar tal-vettura u qed tinkorri f’dan ir-rigward multa kwotidanjament. Ix-xhud Brian Farrugia, rapresentant ta’ Transport Malta, qal illi l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet u ghada mhux rinnovata u f’dan ir-rigward hemm xi multi u penalitajiet x’jithallsu (fol.97).

**Konsiderazzjonijiet Legali**.

Principalment din il-kawża titratta dwar l-interpretazzjoni tal-prelagat imħolli lill-konvenut Koenraad Cuyle bl-imsemmi tieni artikolu tat-testment ta’ Marie Claire Zammit Sare’ tal-10 ta’ Ottubru 2005. Dan l-artikolu gia gie citat testwalment aktar il-fuq fil-presenti sentenza. Fir-rigward ta’ tali interpretazzjoni l-Qorti taghmel referenza għas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 2003 fil-kawza fl-ismijiet “Rose mart Harry Alden propio et nomine vs Raphael Pace” fejn il-Qorti rriteniet illi:- “hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali ‘ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso, la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino. Vide ukoll "Carmelina Mifsud et vs Matilde Pullicino et" tat-13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna" (Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950) u "Farmacista George Mallia vs Carmela Mallia" (Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957).

Tenut kont tal-imsemmija sentenzi, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, il-kliem tad-disposizzjoni testamentarja in kwestjoni jesprimu b’mod ċar u inekwivoku il-volontà tat-testatriċi. Ma hemmx ambigwità fil-kliem tat-testment, u kwindi lanqas ma hemm bżonn ta’ interpretazzjoni tal-intenzjoni tat-testatriċi. Ma hemmx dubju ukoll illi dak li jikkontjeni t-testment in kwestjoni għandu dejjem jipprevali u jorbot lil dawk kollha koncernati. Kwindi dawk kollha koncernati ghandhom joqodu għal dak li trid b’mod espress bhala l-volonta’ taghha it-testatrici. Jirrizulta b’mod car li t-testatriċi riedet tħalli lill-konvenut Koenraad Cuyle fil-prelagat in kwestjoni d-dritt tal-abitazzjoni gratwitu fl-appartament numru 7 Perry Court Birkirkara Road San Giljan, kif ukoll l-użu u l-użufrutt tal-mobbli eżistenti fl-istess dar esklużi espressament certi mobbli bhal l-oġġetti tad-deheb u flus kontanti. Inoltre t-testatriċi speċifikat b’mod inekwivoku illi d-dritt tal-użu u abitazzjoni fil-legat huwa wieħed personali ghall-konvenut Cuyle u ma jistax jiġi eżerċitat minn terzi. It-testatriċi speċifikat ukoll illi dan id-dritt jintilef jekk terza persuna tidħol tgħix u tabita fl-

imsemmi appartament.  Kwindi it-testatriċi enfasizzat għal aktar minn darba li l-ebda terza persuna ma tista’ tuża u tabita fil-post u li jekk jiġri dan, id-dritt li wiret il-konvenut Koenraad Cuyle jintilef. Jirriżulta b’mod sufficjenti illi lill-istess Cuyle gie mholli biss id-dritt personali tal-użu (abitazzjoni) u mhux ukoll l-użufrutt tal-fond in kwistjoni.

Illi mill-konsiderazzjonijiet fattwali, jirriżulta illi l-konvenut Koenraad Cuyle kiser din il-kondizzjoni u jirriżulta ampjament ippruvat illi daħħlu terzi jgħixu fl-imsemmi appartament bħala inkwilini u dan anki kif ikkonfermat mill-estate agency. Ma tħalla ebda dubbju illi il-post kien qiegħed jinkera u kwindi jiġi użat minn terzi. Kwindi jirriżulta ippruvat illi l-konvenut Koenraad Cuyle kiser il-kundizzjoni tat-testment meta ippermetta li terzi jokkupaw il-fond mertu tal-kawża bħala inkwilini. Ġaladarba inġiebet il-prova illi kien hemm terzi qed jgħixu fl-appartament, ir-rieda tat-testatriċi kif espressa, u ċioe illi d-dritt ta’ abitazzjoni għandu jintilef meta tidħol terza persuna tghix fl-appartament, għandha tipprevali u b’hekk id-dritt ta’ abitazzjoni favur Koenraad Cuyle għandu jiġi itterminat minnufih, u tiġi itterminata ukoll kwalunkwe kirja fl-isemmi fond għaliex dan il-fond qatt ma seta jinkera. Kwindi il-konvenut Koenraad Cuyle għandu jghati lura il-pussess tal-appartament in kwestjoni minnufih lill-eredi ta’ t-testatrici cioe’ lill-minuri Kayleigh Zammit u dan b’effett immedjat.

Fir-rigward tal-garage sottopost għall-imsemmi appartament jigi ribadit li l-konvenut Koenraad Cuyle ma għandu ebda dritt li jolqot dan il-garage għaliex ma jissemma xejn dwar dan il-garage fit-testment in kwestjoni u ebda dritt ma nghata lill-istess konvenut permezz tat-testment. Ghalhekk fil-kaz li l-konvenut Cuyle ghandu fil-pussess tieghu c-cwievet tal-garage jew tal-vettura huwa ghandu jirritorna dawn ic-cwievet immedjatament, flimkien mac-cwievet tal-appartament. In effett skond ir-raba artikolu tat-testment in kwestjoni fejn il-minuri Kayleigh Zammit giet nominata eredi universali tat-tetatrici kemm il-garage kif ukoll il-vettura imsemmija jappartjenu lill-istess minuri.

Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut eżekutur testamentarju Dr Louis de Gabriele l-ewwel eccezzjoni tieghu ghandha tigi akkolta u ghalhekk l-istes konvenut ghandu jigi liberat mill-oservazzjoni tal-gudizzju billi ma jirrizultax li huwa gie kkonfermatt bhala ezekutur testamentarju mill-Qorti kmpetenti (vide fol.31).

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddecedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur nomine in parte in kwantu dawn diretti lejn il-konvenut Cuyle u kwindi kif diretti kontra l-kuraturi deputati Dottor Martin Fenech u PL Mario Misud Bonnici li b'dikriet tat-18 ta' Dicembru 2009 gew nominati sabiex jirrappresentaw lill-assenti Koenraad Cuyle u ghalhekk (1) tiddikjara li l-minuri Kayleigh Zammit hija l-eredi universali tal-mejta Marie-Claire Zammit Sare' u illi fil-massa ereditarja tal-istess Marie-Claire Zammit Sare' hemm il-fond mmarkat internament bin-numru sebgha (7) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Perry Court', B'Kara Road, St. Julians, bil-garaxx sottopost l-istess fond u l-vettura Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni 'KZS 094. Tiddikjara li l-konvenut Koenraad Cuyle kiser kundizzjoni tat-testment tal-imsemmija decujus u dan meta inkariga lil sensara u ppermetta lil terzi jokkupaw l-imsemmi appartament. Tiddikjara li d-dritt ta' abitazzjoni favur Koenraad Cuyle ghandu jigi terminat minnufih u kif ukoll ghandu jigi terminat immedjatament kull inkwilant iehor relattiv ghall-imsemmi fond. Tiddikjara li l-imsemmi appartament gewwa San Giljan, il-garaxx sottopost gall-istess appartament u l-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni 'KZS-094' huma parti mil-massa ereditarja tal-imsemmija testatrici Marie-Claire Zammit Sare' u ghalhekk dawn ghandhom jigu assenjati lill-eredi universali tal-istess testatrici cioe' l-minuri Kayleigh Zammit.

Ghar-rigward tal-konvenut Avukat Dottor Louis Degabriele bhala esekutur testamentarju tal-eredita' tal-mejta Marie-Claire Zammit Sare' tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-istess konvenut u kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut Cuyle.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------